MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 438/2007

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta’ Novembru, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti żżewġu nhar it-3 ta’ Diċembru tas-sena 1996, fir-Reġistru taż-Żwiġijiet il-Belt Valletta, skond kif jidher miċ-Ċertifikat taż-żwieġ tagħhom numru 2052 tas-sena 1996 fir-Reġistru taż-Żwiġijiet, Malta, illi kopja tiegħu qed tiġi annessa ma’ dan ir-rikors u esebita u mmarkata bħala Dokument A;

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet hija regolata permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ffirmat nhar it-28 ta’ Marzu, 2007 in atti n-Nutar Mario Rosario Bonello;

3. Illi ż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta’ Diċembru, 1996, huwa null u bla effett fil-liġi *stante* illi l-kunsens ta’ waħda mill-partijiet inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-oħra li setgħet mix-xorta tagħha, tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, u dan *ai termini* ta’ l-Artiklu 19(1)(ċ) ta’ l-Att Dwar iż-Żwieġ ta’ l-1975;

4. Illi ulterjorment iż-żwieġ tal-kontendenti huwa null ukoll peress li l-kunsens ta’ l-intimat kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħhom, jew b’anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, u dan *ai termini* ta’ l-Artiklu 19(1)(d) ta’ l-Att Dwar iż-Żwieġ ta’ l-1975;

5. Illi ulterjorment, iż-żwieġ tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-liġi, għall-fini ta’ l-Artiklu 19(1)(f) *stante* li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom ingħata bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta’ xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew għad-dritt għall-att taż-żwieġ;

Għaldaqstant ir-rikorrenti, *in vista* ta’ dak kollu fuq premess, titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti nhar it-3 ta’ Diċembru, 1996 huwa null u bla effett għal kull fini u effett tal-liġi;

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jannota tali nullita’ ta’ l-Att taż-Żwieġ numru 2052 tas-sena 1996;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti.

Rat illi l-konvenut naqas li jippreżenta risposta ġuramentata *nonostante* illi ngħata diversi opportunitajiet biex jagħmel dan.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qiegħda titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1996 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut m'huwiex qiegħed jikkontesta t-talba. Kif pero' ntqal diversi drabi, il-Qorti ma tistax taqbad u tilqa' t-talba minħabba f'hekk biss.

Is-sub-inċiżi ta' l-Artiklu 19(1) ċitati mill-attriċi jirrigwardaw:

19 (1) (a) – li l-kunsens tagħha nkiseb bi vjolenza morali u / jew biża';

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża <u>Joseph Zammit vs Bernardette Zammit</u> (27 ta' Jannar, 2006):

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti*

*ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taż-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.*

*Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi ppruvat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-disposizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasizzat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali. "*

Dan il-każ jippreżenta storja li bħala l-Qorti rat diversi drabi, u *cioe'* li l-attriċi wara ċirka sentejn tiffrekwenta lill-konvenut, ġiet imġiegħla tiżżewġu, fi kliemha stess għaliex bdiet tibża' minnu. Dan għaliex huwa kien qiegħed jibża' li jekk ma jkunx miżżewweġ jista' jispiċċa mkeċċi minn Malta billi huwa ta' nazzjonalita' Libjana. Il-Qorti hija konvinta mill-kontenut ta' l-affidavit ta' l-attriċi għaliex huwa dettaljat, u jispjega sewwa s-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha, anke jekk parti mit-tort għal dan kien tagħha.

Biss wieħed jissimpatizza magħha għaliex f'ċertu punt is-sitwazzjoni ħarbet minn idejha. Jirriżulta wkoll, għalkemm mhux materjali għal din il-kawża, li l-konvenut kien sistematikament isawwatha meta żżewġu u allura l-biża' tagħha kien wieħed reali.

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u *ai termini* tas-sub-inċiż (d) tiddikjara null iż-żwieġ imsemmi kuntrattat fit-3 ta' Diċembru, 1996. L-ispejjeż ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------